**FIT - TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

**Ġudikatur: Dr Phyllis Aquilina LL.M. (Lond.), LL.D.**

**Seduta ta` nhar it-Tlieta 8 ta` Mejju, 2018.**

**Talba Nru: 5/2018PA**

**360 Food Import Limited**

**vs**

**Josies Estate Ltd**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviż tat-Talba preżentat fid-9 ta` Jannar 2018 li permezz tiegħu s-soċjeta` attriċi ppremettiet li hija timporta u tbiegħ lokalment merkanzija relatata mal-ikel u x-xorb; li l-konvenuta topera ħanut bl-isem 'La Rive Cafe' u ordnat mingħand l-attriċi numru ta` merkanzija, liema merkanzija ġiet konsenjata u aċċettata mill-konvenuta mingħand l-ebda riżerva dwar il-kwalita` jew kwantita`, u l-konvenuta qatt ma oġġezzjonat għall-fatturi maħruga lilha; li l-konvenuta hija debitriċi tas-soċjeta` attriċi fis-somma ta` elfejn, sitt mija, tlieta u sittin Ewro u seba' ċenteżmi (€2,663.07ċ) rappreżentanti prezz ta` merkanzija ordnata, konsenjata u aċċettata minnħa. Hija għalhekk talbet li dan it-Tribunal jikkundanna lill-konvenuta tħallas lis-soċjeta` attriċi s-somma ta` elfejn sitt mija u tlieta u sittin Ewro u seba' ċenteżmi (€2663.07), dovut kif premess, bl-ispejjeż u bl-imgħax mill-14 ta` Novembru 2016 sad-data tal-ħlas.

Ra d-dokument ippreżentat mis-soċjeta` attriċi mal-Avviż tat-Talba, senjatament *statement of account* datat 18 ta` Diċembru 2017 (fol. 4), li juri bilanċi ta` elfejn, tlett mija u tmien Ewro, disgħin ċenteżmu (€2,308.90ċ) u tlett mija u erbgħa u ħamsin Ewro u sbatax-il ċenteżmu (€354.17ċ).

Ra l-estratt mir-Reġistru tal-Kumpaniji li juri l-uffiċju reġistrat tas-soċjeta` konvenuta (fol. 11).

Ra li l-konvenuta, debitament notifikata bl-Avviżi tat-Talba u tas-Smigħ, ma ppreżentatx Risposta, u lanqas dehret biex tikkontesta l-kawża.

Ra li, fl-udjenża tat-18 ta` April 2018, is-soċjeta` attriċi ppreżentat Kapitolu għas-subizzjoni tas-soċjeta` konvenuta, li bih riedet tipprova bil-ġurament tar-rappreżentanti legali tagħha li hija debitriċi tagħha fis-somma u għar-raġunijiet indikati fl-Avviż.

Ra li l-kawża ġiet imħollija għall-udjenza tat-2 ta` Mejju 2018 għas-subizzjoni tas-soċjeta` konvenuta.

Ra li, f'dik l-udjenża dehret Dorothy Vassallo, direttriċi tas-soċjeta` konvenuta, li ammettiet li s-soċjeta` konvenuta hija debitriċi tas-soċjeta` attriċi fl-ammont, u għar-raġunijiet, indikati fl-Avviż, għalkemm iddikjarat li s-soċjeta` konvenuta għandha bżonn żmien biex tħallas.

Qies għalħekk dan il-Kapitolu bħala moqri u mistqarr.

Ikkunsidra wkoll li, fl-istess udjenża tat-18 ta` April 2018, id-difensur tas-soċjeta` attriċi kkonferma bil-ġurament tiegħu li l-ammont mitluba f'din il-kawża għadu dovut lill-patroċinata tiegħu.

Jidhirlu li t-talba tas-soċjeta` attriċi tirriżulta pruvata, fuq bilanċ ta` probabiltajiet, inkluż fir-rigward tal-imgħaxijiet, tenut kont li l-ħlas mitlub sar dovut minn operazzjoni kummerċjali u l-aħħar fattura hija datata 14 ta` Novembru 2016.

Għaldaqstant, it-Tribunal qiegħed jaqta` u jiddeċiedi din il-kawża billi jilqa' t-talba attriċi u jikkundanna lis-soċjeta` konvenuta tħallas lis-soċjeta` attriċi s-somma ta` elfejn, sitt mija, tlieta u sittin Ewro u seba' ċenteżmi (€2,663.07ċ), bl-imgħax u bl-ispejjeż kif mitluba fl-Avviż tat-Talba.

**Avukat Phyllis Aquilina LL.M. (Lond.), LL.D.**

**ĠUDIKATUR**